MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 873/2009

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**
**vs**
**Silvio Debono**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elf, erba' mija hamsa u ghoxrin ewro u sebgha u tmenin ewro centezmu (€1,425.87) rapprezentanti spejjez skont fattura annessa mmarkata bhala numru 4323 datata 30 ta' Novembru, 2005 mmarkata bhala Dok. LA2.

Illi fil-21 ta' Marzu, 2005 l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjananr gja Awtorita' tal-Ippjanar harget avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq numru ECF/75/05 kopja annessa mmarkata bhala dok LA1 f'isem il-konvenut.

Illi l-istess Awtorita' attrici in forza tal-poteri fdati lilha permezz tal-Att numr 1 ta' l-1992 kif sussegwentement

emendat bl-Att XXI tal-2001 hadet dawk il-passi kollha necessarji biex ix-xogholijiet indikati fl-istess avviz biex Tieqaf u ta Twettieq, jitwettqu stante li l-istess konvenut ma kienx ottempora ruhu ma dak li ntalab minnu fl-istess avviz.

Billi l-istess konvenut gie interpellat sabiex ihallas dan l-ammont izda baqa' inadempjenti.

L-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l- konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-seduta tas-16 ta' Novembru, 2009 mill-Avukat Lydia Abela u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------